MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2006

Numru 1260/2006

Il-Pulizija
(Sp Mario Haber)
vs
Donatu Marius Laurentiu,
iben Dimitru, imwieled
ir-Rumania fis-27 ta’ mejju,
1978

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-26 ta’ novembru, 2006 għmel użu jew ittanta jagħmel użu minn passport maħruġ lill-persuna oħra;
2. talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanżi u fil-jiem ta’ qabel iffalsifika, biddel jew fħmel xi tibdil f’passaport, jew uża, jekk kellu għandu passaport li kien jaf li ġie falsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih;

3. talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanżi u fil-jiem ta' qabel kellu f'idejh passaport maħruġ minn awtorita' kompetenti, ittrasferixxa dan il-passaport lill-persuna oħra jew irċeva passaport li ġie trasferit lilu minn persuna oħra;
4. talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanżi bħala persuna li niżlet jew telqet minn Malta għamel jew ġagħalt li jingħatat xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni;
5. talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanżi għmel użu minn document falz li hu dan imsemmi.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' novembru, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 4, 5 u 6 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(ċ) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------